# Lectio Divina

Pentecoste (A)

Atti 2, 1-11

**Meta wasal jum Għid il-Ħamsin,**

Għal Poplu Lhudi, Għid il-Ħamsin kien it-tieni mit-tliet festi kbar tagħhom (l-Għid, Għid il-Ħamsin, u l-Festa tal-Għerejjex). Kienet «il-festa tal-Ġimgħat» (*Eż* 34,22; *Dt* 16,10) li kienet tiġi seba' ġimgħat wara l-Għid. Kienet «il-festa tal-ġabra» tal-frott tar-raba (*Eż* 23,16), «jum il-bikri» (*Num* 28,26; *Lev* 23,17) għax matul il-ħamsin jum bejn l-Għid u din il-festa kien isir il-ġbir tal-qamħ. Għaldaqstant kienet festa agrikola, imqaddsa mir-radd il-ħajr lil Alla li jipprovdi u li jagħti kull ġid. Naraw rabta bejn il-ħsad agrikolu tal-Poplu tal-Patt il-Qadim u l-ħsad spiritwali tal-Poplu tal-Patt il-Ġdid li jseħħ f'dan l-istess jum. Għid il-Ħamsin isir il-festa l-kbira tal-ħsad tal-Poplu l-ġdid mill-Poplu Lhudi, fejn kull min kien misjur b'fidi matur ġie miġbur u mqaddes bl-Ispirtu ta' Kristu. Nhar il-Ġimgħa l-Kbir, il-ħabba tal-qamħ waqgħet fl-art u mietet (cf. *Ġw* 12,24); nhar Għid il-Ħamsin jibda jinħasad il-frott tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu: dan il-frott huwa l-Ispirtu s-Santu, dak li jġib id-doni miegħu ("*Dator munerum*" – Sekwenza *Veni Sancte Spiritus*). Id-dixxiplu ta' Kristu, mogħni bl-Ispirtu s-Santu, hu msejjaħ biex hu wkoll jagħmel l-esperjenza ta' «dawk li jiżirgħu fid-dmugħ» u «jaħsdu bl-għana ta' ferħ» (*S* 126,5) billi fl-għalqa li hi d-dinja (cf. *Mt* 13,38) jiżra' il-Kelma ta' Alla u jaħsad bil-ferħ huwa u jagħraf li l-frott li għandu frott il-ħidma tiegħu ġej minn Alla li sawwab fih «d-don» tiegħU per eċċellenza (cf. *Ġw* 4,10).

**huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed.**

Il-post huwa x'aktarx «il-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu» (*Atti* 1,13). Hemm jinsabu l- Appostli, «xi nisa», «Marija, omm Ġesù», u «ħutu» (*Atti* 1,14). Kien hemm ukoll il-ġemgħa tal-aħwa ta' «madwar mija u għoxrin ruħ» (*Atti* 1,15) mingħajr ma neskludu dixxipli oħrajn li kienu Ġerusalemm fl-okkażjoni tal-festa. L-atmosfera li hemm hija waħda ta' talb: «lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien» (*Atti* 1,14), fl-istennija li sseħħ il-wegħda tal-Missier kif qalilhom Ġesù qabel it-tlugħ tiegħu fis-sema (cf. *Atti* 1,4). Hu essenzjali għad-dixxiplu li

«jistenna fis-skiet is-salvazzjoni tal-Mulej» (*Lam* 3,26) mal-aħwa u magħhom jibni komunjoni profonda spiritwali u umana (cf. *Directory for the Ministry and the Life of Priests*, new edition 2013, 40).

**F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom.**

L-inżul tal-Ispirtu s-Santu jseħħ mingħajr pre-avviżi, «f'daqqa waħda». Luqa juża tixbihat biex jgħinna nifhmu l-fenomenu li jseħħ («ὥσπερ», «ὡσεὶ», «bħal»). Il-«ħoss» jiġi mis-sema u mhux mill-art: l-Ispirtu li jinżel huwa dak li Kristu msebbaħ jibgħat «mingħand il-Missier» (*Ġw* 15,26). L-Ispirtu ma jinżilx b'mod parzjali imma jimla l-post u lid-dixxipli - «imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu» (v.4). Hu jinżel fuq kull dixxipli b'mod *individwali* u joqgħod fuqu bħal «nar» li jkebbsu biż-żelu qaddis għal Alla: «hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u bin-nar» (*Mt* 3,11; cf. *Lq* 12,49; *Ġw* 2,17). Hu jonfoħ fejn irid (cf. *Ġw* 3,8; *Atti* 10, 44) u ħadd ma jista' jipposseddih. Huwa dak l-Ispirtu li jagħti l-ħajja fejn hemm il-mewt: « Ejja, ruħ, mill-erbat irjieħ tad-dinja, onfoħ fuq dawn il-mejtin, ħa jerġgħu jieħdu l-ħajja.» (*Eżek* 37,9). Il-qalb tad-dixxiplu titkebbes ħalli b'wiċċhom minn quddiem ixandru l-misteru tal-Evanġelju (cf. *Efes* 6,19).

**Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu**

Filwaqt li fl-imgħoddi l-ispirtu kien niżel fuq xi persuni jew profeti biex jgħinhom iwettqu missjoni partikulari (*Eż* 28,3; 31,3; *Dt* 34,9; *Imħ* 6,11.34) issa jinżel fuq dawk kollha li jemmnu fi Kristu u jagħnihom b'kariżmi għall-ministeri differenti «għall-ġid ta' kulħadd» (cf. *1Kor* 12, 4-11). L-Ispirtu s-Santu jgħallem u jfakkar lid-dixxipli kulma qalilhom Ġesù (cf. *Ġw* 14,26), iwassalhom għall-verità kollha (cf. *Ġw* 16,13), iqaddishom (cf. *Ġw* 17,17), imexxihom, jixhed għalihom li huwa wlied il-Missier u jagħtihom li jsejħulu «Abba» (cf. *Rum* 8,14-16) u jistqarru li «Ġesù hu l-Mulej!» (*1Kor* 12, 3). L-Ispirtu huwa l-ewwel protagonist ta' kull mument ta' talb għax «hu jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. Għax aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem; u Alla, li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub, jaf x'inhi x-xewqa ta' l-Ispirtu; bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skond ma jrid Alla.» (*Rum* 8,26-27). "Fl-ilsna Semitiċi l-Ispirtu hu dejjem femminili. Għalhekk it-teoloġi Sirijaċi tal-Knisja antika żviluppaw id-duttrina tal-Ispirtu s-Santu bħala

omm [...]. Diodoku ta’ Fotiċeja jgħid li l-Ispirtu s-Santu jgħallimna nitolbu. U meta jagħmel dan, hu jġib ruħu ‘bħal omm li tgħallem lill-binha ċ-ċkejken jgħid «papà» u li tirrepeti miegħu dan l-isem sa meta tkun darrietu jsejjaħ lill-missier anki x’ħin ikun rieqed’. Għal din ir-raġuni t-teoloġi Sirijaċi jinsistu fuq il-kwalitajiet materni, twajbin u ħelwin ta’ Alla. U San Bażilju jista’ jistqarr li l-Ispirtu s-Santu joħloq fina id-‘dimestikezza u l-familjarità ma’ Alla’.” (Anselm Grün).

**u bdew jitkellmu b’ilsna oħra, skont mal-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.**

L-Ispirtu s-Santu jwassal lid-dixxipli biex *jibdew* («ἤρξαντο» - «ἄρχω») xi ħaġa kompletament ġdida li m’għandhiex preċedenti. Huwa l-*bidu* tal-ħidma *appostolika* u *missjunarja* tal-Knisja. Huma mhux biss jitkellmu «b’ilsna oħra», differenti mill-ilsien tagħhom tas-soltu, imma jitkellmu b’mod ċar u elevat («ἀποφθέγγομαι») fuq «l-għeġubijiet ta’ Alla» (v. 11). L-Ispirtu jmexxi u jagħti l-ħila lid-dixxiplu biex ixandar il-Bxara t-Tajba lil kull bniedem li hawn fuq l-art.

**F’Ġerusalemm kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema. Malli nstama’ dan il-ħoss, inġabret kotra kbira, ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom kien jismagħhom jitkellmu bl-ilsien tiegħu.**

Għall-festa kienu jinġabru l-Lhud tad-*Diaspora* (cf. *Ġw* 7,35; *Ġak* 1,1; *1Pt* 1,1) ġejjin minn kull rokna tal-art, kif jidher mill-elenku li jipprovdi Luqa (vv.9-11). Huma jinġabru mhux minħabba l-fatt li dawk li fuqhom jinżel l-Ispirtu qed jitkellmu b’ilsna tagħhom, imma minħabba l-ħoss li ġie mis-sema. Huwa dejjem Alla l-awtur ta’ kull inizjattiva f’qalb il-bniedem, li jiġbdu lejH (cf. *Ġw* 12,32). Id-dixxiplu għandu dejjem jiftakar f’dan, speċjalment meta l-għemil tiegħu jkun dak li primarjament joħloq stgħaġib fost in-nies (cf. *Atti* 3,12; *Atti* 14,14-15).

**Miblugħin u mistagħġbin bdew jgħidu: “Dawn li qegħdin jitkellmu mhumiex ilkoll mill-Gallilija? Mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art twelidu?**

L-Ispirtu s-Santu jinżel fuq dawk li huma ddisprezzati mis-soċjetà (cf. *Mk* 14,70; *Ġw* 7,52), dawk li ġejjin minn postijiet fejn ma jista joħroġ xejn tajjeb (cf. *Ġw* 1,46), li d-djalett tagħhom jagħżilhom mill-bqija (cf. *Mk* 14,70; *Mt* 26,73). Huwa l-Ispirtu “Missier il-foqra” fl-ispirtu (cf. *Mt* 5, 3), tal-umli, li jirċievu dan l-Ispirtu li jagħnihom b’għadd ta’ doni għax huwa “spirtu intelliġenti, qaddis, waħdieni, ta' ħafna għamliet, fin, u attiv; jinfed fil-fond, u tebgħa

m'hemmx fih; ċar u ebda ħsara ma tista' għalih; iħobb il-ġid u misnun sewwa; xejn ma jżommu u l-ġid jagħmel; iħobb il-bniedem, sod u żgur bla inkwiet; kollox jista' u fuq kollox jgħasses, u fl-erwieħ kollha jidħol, mqar f'dawk intelliġenti, safja u fini sewwa." (*Għerf* 7,22-23).

**Partin, Medin…aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-għeġubijiet ta' Alla.**

L-għeġubijiet ta' Alla huma d-don li Alla għamel lid-dinja ta' Ibnu l-Waħdieni: ħajtu, il-mirakli tiegħu, mewtu, il-qawmien tiegħu, it-tlugħ tiegħu fis-sema: dak kollu li Alla wettaq għas-salvazzjoni tal-bnedmin (cf. *Lq* 1,49). Hekk id-dixxipli jħabbru «"dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet," u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak Alla lesta għal dawk li jħobbuh.» (*1Kor* 2,9).